**QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum l-Erbgha 6 ta` Mejju 2020**

**Rik. Nru. 6/2018 JZM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

***kontra***

**The Golden Shepherd Group Limited (C-14948)**

***u***

**b`digriet moghti fit-13 ta` Jannar 2020 l-Awditur Emanuel Steven Fenech (K.I. Numru 989749M) u l-Perit Emanuel sive` Mannie Galea (K.I. Numru 69461M) bhala amministraturi kangunti ta` l-eredita` ta` Helen u Maria Carmela ahwa Grech gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat minn HSBC Bank Malta p.l.c. fis-16 ta` April 2020 fejn, ghar-ragunijiet indikati, il-qorti kienet mitluba sabiex :

*(i) Taħtar amministratur provviżorju ghas-socjeta` ntimata ai termini tal-Artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setgħat dwar l-amministrazzjoni dwar l-assi jew in-negozju tal-kumpannija ;*

*(ii) Tordna li Dr Frank Portelli, li huwa l-uniku direttur tas-socjeta` ntimata, jigi żvestit mis-setghat tiegħu qua direttur b'effett immedjat, u dan taht kull provvediment li din il-Qorti tidhirlha xierqa u opportun.*

Rat id-digriet li tat fis-16 ta` April 2020 fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-kumpannija ntimata u lill-intervenuti fil-kawza b`erbat ijiem zmien min-notifika sabiex jipprezentaw risposta bil-mitlub. Kull risposta kellha tkun notifikata lill-kumpannija rikorrenti. Il-qorti rriservat li tkompli tipprovdi `l quddiem.

Rat ir-risposta li pprezentat il-kumpannija ntimata fis-27 ta` April 2020.

Rat ukoll ir-risposta li pprezentaw l-intervenuti fil-kawza fit-28 ta` April 2020.

Rat illi kellha bizzejjed fuqhiex tipprovdi dwar ir-rikors minghajr il-htiega tas-smigh.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. Ir-ragunijiet tar-rikorrenti

Il-Qorti sejra **tillimita ruhha** ghar-ragunijiet li gab il-bank rikorrent sabiex isostni t-talbiet li qieghed jaghmel fir-rikors odjern.

**Fil-qosor**, ir-ragunijiet huma :-

1. L-unika propjeta` li jirrizulta li ghandha s-socjeta` ntimata hija Saint Philip Hospital, Triq Salvu Psaila, Santa Venera, liema sptar huwa accertat bhala fatt li jinsab maghluq u ilu snin li waqaf jopera.

2. Fuq dan is-sit hemm gravanti cens li s-socjeta` ntimata baqghet ma hallsitx. Sabiex ma jsehhx ix-xoljiment tac-cens, u allura sabiex s-sit (bil-benefikati) ma jmurx lura ghand l-intervenuti fil-kawza bhala direttarji tas-sit, il-bank hallas l-arretrati kollu hu.

3. Dr Frank Portelli, wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta` ntimata u uniku direttur taghha ddikjara pubblikament li kien qieghed jipproponi ftehim mal-Gvern sabiex l-isptar jintuza minhabba l-pandemija tal-COVID-19.

4. Il-bank rikorrent mhux jopponi li l-Gvern jinghata, imqar temporanjament, l-uzu tal-isptar fl-ahjar interess tas-sahha tal-poplu Malti.

5. L-oggezzjoni tal-bank rikorrent hija li jkun propju Dr Portelli li jaghmel proposta ta` dik ix-xorta lill-Gvern tenut kont tal-gravita` tas-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` ntimata.

6. Fil-pendenza ta` l-kawza fl-ismijiet premessi fejn qieghed jintalab x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` ntimata, Dr Portelli m`ghandux jippretendi li ghandu jiehu decizjonijiet dwar il-kumpannija u dwar l-assi taghha, fejn jorbotha fil-konfront ta` terzi.

7. Fil-pendenza ta` din il-kawza, il-komportament ta` Dr Portelli ghandu jkun tali li ma johloq ebda pregudizzju lill-kredituri tas-socjeta` ntimata, kompriz r-rikorrenti.

8. Dr Portelli ghandu jigi zvestit mis-setghat ta` direttur u minflok ikun mahtur amministratur provvizorju. Ghal dan il-ghan kien propost Av. Dr. John L. Gauci.

## III. <u>L-opposizzjoni tas-socjeta` ntimata</u>

Anke f`dan il-kaz, il-Qorti sejra **<u>tillimita ruhha</u>** ghar-ragunijiet li gabet is-socjeta` ntimata biex topponi t-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Fil-qosor</u>**, ir-ragunijiet huma :-

1. Ladarba ghadha ma ressqitx provi, u lanqas ghamlet kontroezami lix-xhieda li ressaq il-bank, m`ghandux ikun hemm hatra ta` amministratur provvizorju.

2. Jekk isir uzu tal-isptar b`mod u manjiera li jkun generat introjtu dan ikun ghall-vantagg ta` kull kreditur.

3. Minhabba l-htiega li jizdied l-ghadd tas-sodod disponibbli fl-isptarijiet anke minhabba l-pandemija tal-COVID-19, is-socjeta` ntimata dehrilha xieraq li toffri l-uzu tal-isptar purche` jinlahaq ftehim gust, li sal-lum ghadu mhux konkluz, ghalkemm saru tahdidiet.

4. Il-fatt li n-negozjati mal-Gvern ikunu kondotti minn Dr Frank Portelli mhux ta` pregudizzju ghall-kredituri, mentri l-hatra ta` persuna bhala amministratur provvizorju li ma jkollhiex esperjernza fil-qasam tas-sahha ma jkunx ta` siwi jew beneficcju.

5. L-iskop tal-bank rikorrent li jaghmel it-talba mhuwiex il-harsien tal-kreditu li jikkontendi li ghandu kontra s-socjeta` ntimata izda l-akkwist tal-isptar ghal prezz inferjuri minn dak tas-suq.

6. Il-bank ghandu bizzejjed ipoteki u privileggi fuq is-sit tal-isptar bhala garanzija tal-kreditu tieghu.

7. Ikun x`ikun l-esitu tan-negozjati mal-Gvern, il-bank ser ikun infurmat.

**IV. In-nuqqas ta` opposizzjoni tal-intervenuti fil-kawza**

Anke fil-kaz tal-intervenuti fil-kawza, il-Qorti sejra **tillimita ruhha** ghar-ragunijiet li gabu sabiex ma jopponux it-talbiet tar-rikorrenti.

**Fil-qosor** ir-ragunijiet huma :

1. Kwalsiasi decizjoni li tiehu l-qorti dwar ir-rikors odjern huwa bla pregudizzju ghall-posizzjoni li hadu huma kemm fil-kawza fl-ismijiet premessi, kif ukoll fil-kawza l-ohra istitwita minnhom fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Rik. Gur. Nru. 639/2018 JVC).

2. Jekk il-qorti jidhrilha li ghandha tahtar amministratur provvizorju, l-ispejjez ghandhom ikunu a kariku tal-bank rikorrent.

3. Jekk issir il-hatra, il-persuna koncernata ghandha tkun awditur. Ghal dan il-ghan kien propost l-Awditur Noel Mizzi.

4. Il-qorti ghandha tirregola s-setghat tal-persuna jew persuni li tahtar.

**V. Konsiderazzjonijiet**

**1. L-Art 228 tal-Kap 386**

Il-hatra u s-setghat tal-amministratur provvizorju huma regolati bl-**Art 228 tal-Kap 386** li jghid hekk :-

*(1) Il-Qorti tista` b`ordni tahtar amministratur provvizorju f`kull zmien wara li gie pprezentat rikors ghal stralc u qabel ma taghmel ordni ghal stralc, u jista` jkun mahtur jew l-ufficjal ricevitur jew xi persuna ohra kompetenti.*

*(2) L-amministratur provvizorju ghandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-negozju tal-kumpannija kif il-qorti tista` tispecifika fl-ordni li jahtru.*

*(3) L-amministratur provvizorju jibqa` jzomm dik il-kariga sa dak iz-zmien li jsir ordni ghal stralc jew ir-rikors ghal stralc ikun michud sakemm ma jirrizenjax qabel dak iz-zmien jew ma jitnehhiex mill-qorti jekk tintwera raguni xierqa.*

## 2. <u>Id-diskrezzjoni wiesgha tal-Qorti</u>

Fl-ambitu tal-Art 228 tal-Kap 386, il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha, kemm dwar il-mod kif taghmel jew tirrifjuta li taghmel il-hatra, kemm dwar is-setghat li taghti fil-kaz li taccetta li taghmel il-hatra, kif ukoll f`kaz ta` hatra, jekk ma jkunx ir-ricevitur ufficjali, dwar in-numru ta` persuni li tahtar, dment li jkunu persuni kompetenti.

F`dan l-istadju se tieqaf fuq il-kwistjoni tal-procedura tal-hatra, anke ghaliex issemmiet kemm fir-rikors, kif ukoll fir-risposta li pprezentat is-socjeta` ntimata.

Tqis illi fil-kaz tal-lum ma tarax il-htiega li sabiex tipprovdi dwar ir-rikors hemm bzonn li tisma` sottomissjonijiet orali jew xiehda, billi l-posizzjoni tal-partijiet u tal-intervenuti fil-kawza tirrizulta kjarament fl-atti li pprezentaw ghall-fini tal-provvediment tal-lum.

## 3. <u>Risultanzi</u>

Mhuwiex l-iskop ta` provvediment bhal dak tal-lum illi taghmel konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kawza. Mhux sejra taghmel hekk anke ghaliex il-gbir tal-provi fil-mertu ghadu mhuwiex konkluz u wara li dak l-

istadju jkun maghluq tkun trid tisma` jew taqra s-sottomissjonijiet tal-ahhar tal-partijiet u tal-intervenuti fil-kawza.

Sabiex issir hatra ta` amministratur provvizorju mhux rikjest li l-qorti tqis ir-ragunijiet fil-mertu li jkun gab ir-rikorrent imma hija decizjoni tal-qorti li trid tkun dettata mill-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Hatra ta` din ix-xorta hija permessa fl-istadju ta` bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija u l-istadju fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba ghax-xoljiment u stralc. Mela l-fatt li qorti taghmel il-hatra m`ghandux jincidi fuq id-decizjoni finali dwar it-talba ; kif bil-maqlub, il-fatt li qorti ma taghmilx il-hatra jfisser li t-talbiet huma respinti.

Fl-istess waqt sa ma taghti decizjoni dwar l-istanza tar-rikorrenti, u allura *pendente lite,* il-Qorti jrid ikollha s-serhan tal-mohh li l-amministrazzjoni u l-gesjoni finanzjarja tal-affarijiet tas-socjeta` intimata tkun kondotta tajjeb u b`mod trasparenti. Il-funzjoni ewlenija ta`amministratur provizorju ghandha tkun illi jippreserva l-assi kontra r-riskju ta` sparpaljar jew ta` tnaqqis fil-valur b`azzjoni tad-diretturi.

Il-Qorti tifhem il-premura tal-bank rikorrent li sakemm tigi determinata finalment l-istanza ghax-xoljiment u stralc tas-socjeta` ntimata, il-kumpannija intimata titqieghed taht kontroll ta` amministratur provvizorju. Bil-hatra ta` amministratur provizorju jigi preservat l-istat attwali tal-kumpannija ntimata sabiex jekk jigu ppruvati r-ragunijiet tal-kumpannija rikorrenti ghax-xoljiment, u l-Qorti taghmel ordni ta` stralc, il-kredituri kollha jitilqu lkoll mill-istess punt tat-tluq u kulhadd jiehu tieghu skont ix-xorta ta` l-kreditu ppruvat li jkollu. Ir-rwol u l-kompitu ta` amministratur provizorju mhuwiex dak ta` stralcjarju u ghalhekk huwa prekluz milli jiddisponi mill-assi.

Fattur rilevanti ghall-fini tal-procediment odjern huwa l-htiega li bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` l-kumpannija u l-punt fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba, il-kondotta ta` l-affarijiet tal-kumpannija mis-*sole director* tkun hielsa minn ambigwita` sabiex il-qaghda tal-kumpannija la titgharraq u lanqas tkun ta` pregudizzju ghall-kredituri.

Il-htiega ta` kondotta tajba, effettiva u trasparenti mid-diretturi ssir imperattiva meta l-kumpannija jkollha biss *asset* wiehed li jkun irid jaghmel

tajjeb ghall-*claims* tal-kredituri fl-eventwalita` li l-qorti tordna x-xoljiment u tahtar stralcjarju biex jikkonduci l-istralc. Fl-istadju tant sensittiv li jghaddi bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` l-kumpannija u l-punt fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba, il-kompitu tad-direttur jew tar-rapprezentant tal-kumpannija ghandu, jekk ikun il-kaz, li jiddefendi l-interess tal-kumpannija mit-talba ghad-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc, izda fl-istess waqt li ma jaghmel xejn li bih jippregudika l-valur tal-*asset* sakemm il-qorti tipprovdi finalment.

Fil-kaz tal-lum mhuwiex ikkontestat li saru tahdidiet mal-Gvern minn Dr Frank Portelli bhala *sole director* tas-socjeta` ntimata sabiex Saint Philip Hospital ikun jista` jintuza ghall-kura ta` pazjenti mill-Gvern fiz-zmien tal-pandemija tal-COVID-19 fejn is-servizzi tas-sahha li jipprovdi l-Gvern huma oggettivament taht pressjoni.

Il-Qorti hija sprovvista minn dettalji mqar dwar il-parametri tat-tahdidiet. Fl-istess waqt pero` l-Qorti fehmet ukoll li ma kienx il-hsieb ta` Dr Portelli li joffri l-isptar bla hlas lill-Gvern minkejja dak li seta` kien riportat fil-media. Il-Qorti tippreferi toqghod fuq li jirrizulta mir-risposta tas-socjeta` ntimata. Fl-istess waqt ladarba hemm dawn it-tahdidiet, liema kuntatti ghadhom mhux determinati, il-Qorti tifhem il-htiega li jkun hemm kontroll fuq l-operat tas-*sole director* f`mument tant sensittiv u delikat.

**Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi, il-Qorti tara l-bzonn li taghti provvediment favorevoli in linea ma` dak li jghid l-Art 228 tal-Kap 386 anke ghaliex il-hatra m`ghandux ikollha effett negattiv fuq l-operat tal-kumpannija.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u bl-applikazzjoni tal-Art 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qeghda tipprovdi kif gej :**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, qeghda tahtar b`effett mil-lum lill-Av. Dr. John L. Gauci u l-Awditur Noel Mizzi bhala amministraturi provvizorji kongunti *[joint provisional administrators]* tal-kumpannija ntimata sabiex jamministraw l-affarijiet tal-kumpannija ntimata.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tiddikjara li f`dan l-istadju Dr. Frank Portelli bhala *sole director* tal-kumpannija ntimata ghandu jibqa` jzomm is-setghat tieghu.**

**Riferibbilment ghaz-zewg talbiet flimkien, tiddikjara li ghalkemm f`dan l-istadju Dr Frank Portelli se jibqa` jzomm is-setghat tieghu ta` direttur, b`effett mil-lum f`kull att li jaghmel ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` ntimata ghandu jagixxi dejjem u flimkien mal-*joint provisional administrators* mahtura llum inkluz fit-tahdidiet li hemm ghaddejjin fil-prezent mal-Gvern dwar Saint Philip Hospital. Jekk Dr Frank Portelli bhala *sole director* ikun inadempjenti f`dan l-obbligu li qeghda timponi fuqu, kull att li jaghmel bi vjolazzjoni ta` dan l-obbligu jkun null u bla effett.**

**B`zieda ma` l-premess, tordna li kull ftehim li jirrigwarda Saint Philip Hospital ghandu jitressaq mis-*sole director* u mill-*joint provisional administrators* ghall-approvazzjoni tal-Qorti. Fin-nuqqas, dak il-ftehim ikun null u bla effett.**

**Tordna li l-ispejjez tal-hatra, inkluz tal-qadi tal-funzjonijiet u setghat tal-amministraturi provvizorji kongunti ghandhom jithallsu provvizorjament mill-bank rikorrent. Provvediment finali dwar l-ispejjez tal-amministraturi provvizorji kongunti jinghata meta jkun deciz il-procediment tax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deputat Registratur**